MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 192/2009

**Il-Pulizija**
**(Supt. C. Bartolo)**
**(Spt. M'Stella Cutajar)**
**Vs**
**Paul Coleiro**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, w cioe' li :-
1. nhar it-18 ta' Marzu 2000 ghal habta tad-9:45 ta' filghodu, waqt li kien Hal Far, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' serq ta' makkinarju ikkwalifikat bil- valur li jiskorri l-elf lira Maltin ghad-detriment tal-kumpanija propjetarja 'Malta Stone Company Ltd', kif rapresentata mil-likwidatur Paul Mercieca mill-Madliena u/jew persuni ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta serq ta’ makkinarju, liema serq, li ma jiskorrix l-elf lira Maltin, sar ghad-detriment tal-kumpanija propjetarja ‘Malta Stone Company Ltd’, kif rappresentata mil-likwidatur Paul Mercieca mill-Madliena u/jew persuni ohra;
3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tammonta ghal aktar minn hames mitt lira Maltin saret ghad-detriment tal-kumpanija propjetarja ‘Malta Stone Company Ltd’, kif rappresentata mil- likwidatur Paul Mercieca mill-Madliena u/jew persuni ohra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-2 ta’ Gunju, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 41(1), 261(b)(c), 263, 267, 278, 279, 280 tal-Kap. 9, ma sabitx lill-appellat hati tat-tieni w it-tielet imputazzjoni w illiberatu minnhom, u sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni w ikkundannatu sentejn prigunerija li pero’, wara li qieset il-fatti u rat il-fedina penali tal-appellat bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 issospendiet ghall-erba’ snin sakemm l-appellant ma jikkommettix reat iehor fil-perjodu operattiv ta’ erba’ snin. Ghar-rigward il-konfiska tal-vettura li biha l-appellat fil-hin tar-reat, apparti l-fatt li mill-provi rrizulta li l-vettura mhiex tieghu, l-konfiska taghha mhiex applikabbli fil-kaz odjern stante li ma rrizultax li ebda re furtiva kienet ser tingarr permezz taghha.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-11 ta’ Gunju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata bili tikkonferma s-sejbien tal-htija fuq l-ewwel akkuza izda tirrevoka l-liberazzjoni fuq it-tieni w it-tielet akkuza w minflok issib htija fuqhom ukoll w tinfliggi l-piena skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

Li l-Ewwel Qorti gustament sabet htija fuq tentattiv ta' serq izda kellha ukoll issib htija fuq is-serq taz-zewg muturi u l-hsara li saret fuq l-istess magni b' dan l-agir. L-appellant, fl-istqarrija tieghu jghid: *'hallejt zewg muturi minn zewg imwejjed u poggejthom…'* (fol.117 tal-process) . Ghalhekk it-tieni w t-tielet akkuza gew *ipso facto* ammessi fl-istqarrija w l-Ewwel Qorti kellha ssib htija fuqhom ukoll.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-appell tal-Avukat Generali jinvolvi apprezzament mill-gdid tal-fatti li sar mill-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-ewwl Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali **: "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94; **"ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi** " [14.2.1989]; **"il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991] **; "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**" [31.5.1991] u ohrajn .

"Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** fil-kawza **"R. v.**

**Cooper**” ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

“*assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury’s verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone.”* (Ara wkoll BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : “Ir-Republika ta’ Malta vs. Ivan Gatt”, deciza fl-1 ta’ Dicembru, 1994 inghad illi :-

*“Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta’ din il-Qorti fil-kaz prezenti u f’kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f’ dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta….. , il-funzjoni , anzi d-dover ta’ din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament ..”*

Illi gie ukoll ritenut li dawn il-kriterji japplikaw ugwalment meta l-appell ikun qed isir mill-prosekuzzjoni, bil-ghan li tinstab hija fejn l-appellat ikun gie liberat mill-Ewwel Qorti.

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti kellhiex ukoll legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta’ htija dwar it-tieni w t-tielet imputazzjoni dedotti kontra l-appellat.

L-abbli prosekutur, Dr. Nadine Sant, issottomettiet li, kif jirrizulta mill-istess stqarrija tal-appellat a fol. 117 tal-process, l-appellat kien qala’ zewg muturi minn posthom u

li dan kien jikkompleta s-serq u kien b' hekk ukoll ikkagunalhom hsara.

Issa l-fatti ta' dan il-kaz, kif mistqarra mill-istess appellat, huma kemmxejn originali w ma jinkwadrawx ruhom fil-fattispecji soliti ta' serq normali. Di fatti mill-istqarrija tal-appellat jirrizulta li hu kien qara fil-gurnal The Times li l-likwidatur tal-fabbrika ta' "Malta Stone Company Limited" f' Hal Far kien hareg il-*bids* ghall-biegh tal-affarijiet kollha li kien hemm fil-fabbrika tas-socjeta'. Hu ddecieda li jmur jaghmel "*reconnaissance"* u kiseb access ghall-fabbrika billi dahal fir-recint taghha minn toqba fil-*fence* u wara imbotta bieb li kien hemm fuq wara tal-fabbrika, li kien miftuh. Beda jdur u jara x' magni kien hemm u mmarka wahda li deherlu li seta' jbieghha lil certu Ganni Gauci li kellu *workshop* tal-irham fl-Imgarr.

Hareg u mar ghand dan Gauci fejn laghabha li kien xi rapprezentant tal-kumpanija Deloite and Touche u offrielu li jbieghlu l-magna li sadattant kien halliha fejn kienet fil-fabbrika bil-prezz ta' LM20,000. Spiccaw ftehmu fuq prezz ta' Lm12,000. Wara li ta jumejn cans, rega' mar ghand Gauci u talbu LM1000 bhala prezz tas-senserija w Gauci accetta. Il-hlas ghall-magna kellu jsir bin-nifs, LM4000 kull xahar.

Ftehmu li Gauci jmur jara l-magna w dan mar u ghazel il-magna tan-nofs li l-Pulizija kienu sabu l-istroppijiet imqabbdin maghha. Xi jiem wara, Gauci ha l-burdnar biex jara x' kellu bzonn ghall-garr taghha. Ippruvaw icemplu lil tal-*crane* imma kien ghal xejn u hallew ghall-ghada. Gauci u l-burdnar telqu izda l-appellat baqa' hemm u hall zewg muturi minn zewg imwejjed u poggiehom fuq zewg imwejjed sofor li jghaddu l-irham minn fuqhom. Hu kien qala dawn il-muturi w poggihom fuq il-magna li kien ser jiehu Gauci ghax kienu neqsin. Kien qalaghhom minn magna ohra w poggiehom fuq dik li kien ghazel Gauci.

Is-Sibt, 18 ta' Marzu, 2000, kienu regghu ltaqghu fuq il-post, hu, Gauci w l-burdnara fid-9am. Il-burdnara dahlu bi truck. Ghal xil-10am, meta kienu ghadhom qed jistennew lil tal-*crane*, gie bniedem (u cioe' x-xhud Saviour Briffa li

kien impjegat bhala Technical Auxiliary mal-Malta Development Corporation) li waqqafhom u qallu biex ma jitlaqx ghax kien ser icempel lill-pulizija.

Minn hemm dahlu l-Pulizija u kollox sfaxxa fix-xejn.

Issa l-Prosekuzzjoni qed targumenta li fil-waqt li fil-konfront tal-magna li kien ser jiehu Gauci, kienu jissussistu biss l-elementi tat-tentattiv ta’ serq skond l-ewwel imputazzjoni, mhux l-istess ghaz-zewg muturi w dan ghax l-appellat *ex admissis* kien caqlaqhom minn posthom u poggiehom f’ post iehor, sia pure fl-istess fabbrika tal-kumpanija. Tghid ukoll li b’ dan saret hsara volontarja fuq dawn iz-zewg muturi.

Ikkonsidrat;

Illi ghar-rigward tal-ewwel sottomissjoni, din timpernja fuq il-*vexata questio* dwar meta effettivament jissussisti l-element tal-*‘contrecatio’* li hu ingredjent essenzjali tar-reat ta’ serq , kif defenit mill-guristi Taljani w kif segwit u applikat mill-gurisprudenza nostrana.

Kif jghid il-**Professur Sir Anthony Mamo** (Notes on Criminal Law – Part II, 1958 edit., p.292 et seq.):-

*“This is the act of taking possession of a thing divesting the actual owner. ‘Contrectatio’ therefore represents the act of completion of the theft and all acts which precede it may, if all other conditions are satisfied, constitute an attempt. But the precise notion of ‘contrectatio’ is a matter of series controversy among jurists. Three main theories have been propounded.”*

Umbaghad il-**Mamo** jghaddi in rassenja dawn it-tlitt teoriji w cioe’ dik li tekwipara l-*contrectatio* mac-caqlieq tal-oggett mill-post li jkun fih *“amotio”;* dik li tghid li l-*contrectatio* tikkonsisti fl-*“apprehensio*” jew “*amotio de loco ad locum”* u cioe’ li l-oggett irid ikun inhareg mill-isfera tal-pussess jew kontroll tal-possessur legittimu w it-tielet teorija li ttenni li l-‘*contrectatio’* issir biss meta l-halliel jiehu r-*re furtiva* fil-post fejn ikollu l-hsieb li johodha *“loco*

*quo destinaverat*". Jikkonkludi li l-ewwel teorija li avalla l-CARRARA giet generalment segwita w applikata mill-Qrati taghna ghalkemm din hi aktar severa w stretta u li din kienet it-teorija abbraccjata fil-Kodici Penali Naplitan li fuqu l-Kodici Kriminali Malti kien tfassal. Jghid ukoll li din hija t-teorija kienet applikata fil-Common Law Ingliza w li giet moghtija gharfien statutorju fil-Larceny Act Ingliz.

Konsidrati taht dan l-aspett, l-atti tal-appellat li bihom zarma zewg muturi minn ma magni fejn kienu w hadhom u poggiehom ma magna ohra li kienet ser tittiehed mill-fabbrika, kienu allura jikkostitwixxu l-element tal-*'contrectatio'* u dan jigi li jammonta ghas-serq komplet u mhux biss ghal tentativ ta' serq. Ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali jidher li legalment huwa ben fondat u li kellha ukoll tinstab htija taht it-tieni imputazzjoni fil-konfront tal-appellat limitatament ghaz-zewg muturi msemija fl-istqarrija tieghu.

Ikkonsidrat;

Ghar-rigward tal-aggravju dwar it-tielet imputazzjoni w cioe' dik ta' danni volontarji fuq l-istess muturi, jirrizulta li l-appellat qala' zewg muturi minn ma magna w poggiehom fuq il-magna li kienet ser tmbiegh lil Gauci ghax din kellha tnejn neqsin.

Illi ovvjament dan bil-fors ikkaguna certu ammont ta' hsara, pero' l-ammont ta' din il-hsara ma giex kwantifikat bi precizjoni mill-Inginer KENNETH ABELA li ta ammont komplessiv tal-valur ta' LM30,000 tal-*parts* u muturi li nstabu nieqsa, pero' li mhux kollha necessarjament kienu naqsu jew gew danneggjati bl-operat tal-appellat. Di fatti, fl-istqarrija tieghu, l-appellat qal li meta hu kien dahal fil-fabbrika ghall-ewwel darba, kien skanta bil-hsarat li kien hemm fl-impjant. Ghalhekk, fl-istat tal-provi processwali, ghandu jittiehed l-inqas valur kontemplat fil-ligi, fl-artikolu 325 (1) (d) tal-Kodici Kriminali.

F' kull kaz, ladarba din il-hsara serviet bhala mezz ghall-fini biex setghu jinsterqu z-zewg muturi, skond l-artikolu 17(h) il-piena ghal dan ir-reat ta' hsarat volontarji tkun

assorbita f' dik tar-reat aktar gravi ta' serq tal-istess zewg muturi.

Ikkonsidrat;

Dwar il-piena, din il-Qorti qieset il-fedina penali aggornata tal-appellat li turi biss sejbien ta' htija precedenti ghal numru ta' reati ta' natura kontravenzjonali biss, kif ukoll li fl-istqarrija tieghu l-appellat ammetta mill-ewwel dak kollu li kien ghamel. Qieset ukoll il-fatt li effettivament kemm il-magna kif ukoll iz-zewg muturi in kwistjoni baqghu ma nhargux mill-fabbrika w ghalhekk is-socjeta' f' fazi ta' stralc ma sofriet ebda pregudizzju. Fic-cirkostanzi ghalhekk ma tarax li ghandha tvarja l-applikazzjoni tal-provvediment ta' sentenza sospiza maghmul mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellat hati tal-ewwel imputazzjoni, in kwantu kkundannatu sentejn prigunerija sospizi ghall-erba snin u in kwantu ma ordnatx il-konfiska tal-vettura li l-appellat kien biha fil-hin tar-reati w tirrevokaha in kwantu ma sabitx lill-appellat hati tat-tieni w tat-tielet imputazzjoni w minnflok issibu hati ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet, b' dan li t-tielet imputazzjoni, kommessa bi ksur tal-artikolu 325 (1) (d) tal-Kodici Kriminali, ghall-fini tal-piena, tkun assorbita fir-reat taht it-tieni imputazzjoni skond l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------